**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru 2022**

**Rikors nru: 2632/2022 MLF**

**Wara l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv Nru. 1826/2022 mahrug fid-19 t' Awwissu 2022 fl-ismijiet GO p.l.c.**

**vs**

**Josephine Cacciottolo**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Josephine Cacciattolo tat-23 ta' Novembru 2022 fejn talbet il-hrug ta' kontromandat stante illi s-sekwestranti harget dan is-sekwestru ezekuttiv versu s-somma ta' sebgha mija u sebgha u tmenin ewro u tnejn u sebghin centezmi (Eur 787.72c) u llum, permezz ta' cedola ta' depozitu 3001/2022 annessa ma' dan il-kontromandat, hemm depozitata s-somma ta' Eur 2,401.93c li minnhom l-ammont dovut lis-sekwestranti jista jigi zbankat minn min ghandu dritt ghalihom

Rat li fis-seduta tas-7 ta Dicembru 2022 Dr Keith Grech ghas-socjeta GO p.l.c. irregistra oppozizzjoni ghall-hrug ta' dan il-kontro mandat. Jispjega illi r-raguni li ghaliha nhareg il-kontromandat hija cedola 3001/2022 illi minnha jirrizulta li apparti l-GO p.l.c. hemm ukoll

kredituri terzi, illi mhux car li fl-imsemmija cedola hemm bizzejjed flus depozitati sabiex jaghmlu tajjeb ghat-talbiet taz-zewg entitajiet inkluz l-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri u ghalhekk umilment qed jitlob lill-Qorti sabiex tichad it-talba

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

In vista tal-fatt li l-ammont depozitat fic-cedola ta' depozitu numru 3001/2022 mhuwiex liberament zbankabbli mis-socjeta intimata stante li din ic-cedola ta' depozitu saret ukoll fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1618/2018 intavolat mis-socjeta Melita Ltd kontra l-intimata, il-Qorti tichad it-talba

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrenti

Magistrat

Doreen Pickard
Deputat Registratur